Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 imsejjħa b' Urġenza tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ħatra tal-Ambaxxatur/iċi tal-Kunsill Lokali
5. Ħarġa Kulturali
6. Tenders Embellishment Project u Resurfacing ta Sqaqien
7. Riċeviment/Ikla tal-Milied
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti ġew approvati. Is-Segretarju għamel korrezzjoni fuq l-attendenza tal-Kunsilliera Falzon u Sammut peress li dawn kienu attendew għaż-żewġ laqgħat ta' qabel u bi żvista ġew immarkati skużati.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier Caruana reġa semma fuq il-linji suwed li kelhom isiru fi Triq id-9 t' April quddiem il-garaxx billi huwa kien wera l-permess tal-garaxx lis-Segretarju. Huwa reġa appella biex dan isir. Is-Sindku appella lill-Kunsillier Caruana biex javża lir-residenta biex hija ma tipparkjax ġol-kaxxa li se tkun imħassra u appella lis-Segretarju biex jieħu ħsieb li l-linji ssiru.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk tal-Każini kinux infurmaw huma x tip ta disinji bi ħsiebhom jagħmlu. Is-Sindku qal li dawn aċċertaw lill-Kunsill li hums qed jaħdmu fuq dan ix-xogħol imma għalissa għadhom ma tawx dettalji fuq id-disinji li qed jaħdmu billi dawn huma kunfidenzjali.

2.3 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hija kienet ikkuntattjat lis-Sur. George minn naħa tal-Iskola ta Santa Luċija fejn huwa ħa nota tal-interess tagħna u informa li huwa se javża lilna aktar il-quddiem.

2.4 Il-Kunsillier Falzon tkellem fuq il-bollards li kellhom issiru fi Triq Dun Pawl peress li dawn ma ġewx imniżżlin fil-minuti ta' qabel.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet fuq il-proġett tal-Family Park peress li kien għadu wieqaf. Is-Sindku informa li kien imkejjel ix-xogħol kollu li diġa sar fuq l-area l-kbira biex jingħalaq is-sehem tal-Perit fuq din iż-żona. Huwa qal li l-Perita kellha toħroġ il-kont finali u bħalissa qed issir pressjoni minn naħa tal-Kunsill biex jinħareġ dan il-kont.

3.2 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa li l-ħajt tal-Family Park li hemm man naħa ta Triq Ħal Farruġ seta sar iktar baxx peress li dan jidher li qed jagħlaq x' hemm fuq ġewwa. Is-Sindku semma li dan ix-xogħol diġa ġie imħallas, imma huwa xorta waħda se jkellem lill-Perit fuq dak li qal il-Kunsillier Caruana. Is-Sindku semma li dan il-ħajt sar għoli anki biex ikun jiflaħ għal fencing li se jkun installat ġol-ħajt.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-U bars li kellhom isiru fi Pjazza Sant' Andrija. Is-Sindku informa li fuq dan il-Kunsill kien kiteb lit-Transport Malta biex jingħata gwida kif l-aħjar li dawn isiru għal protezzjoni tan-nies.

3.4 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex isir kompetizzjoni tal-presepji ġewwa Ħal Luqa.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħala fondi tal-UIF hemm somma ta madwar € 60,000 li parti minhom kienu applikati biex jitlesta l-proġett tal-binjiet tal-Gvern. Is-Sindku issuġġerrixxa biex dawn il-flus jiġu ivutatti biex issir rinovazzjoni fuq il-Bandli. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din il-proposta.

3.6 Is-Sindku ippreżenta ittra li waslet fuq group outings għall Valletta Living History.

3.7 Is-Sindku ippreżenta email li waslet biex jekk il-Kunsill ikun interessat jista jibgħat dettalji fuq attivitajiet tal-Milied fuq it-Times of Malta.

3.8 Is-Sindku qara email dwar attivita li se tkun organiżżata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar bit-tema kontra l-faqar.

3.9 Is-Sindku semma li se tkun organiżżata Christmas at the Library li se tkun immirata kemm lit-tfal kif ukoll lill-kbar biex japprezzaw aktar il-qari tal-kotba.

3.10 Kien hemm ittra mibgħuta fuq courses li jistgħu ikunu organiżżati għal first aid. Dawn kienu se jiġu organiżżati bil-flus imma f din l-ittra issemmiet li issa se jkunu organiżżati b' xejn. Kien hemm xi kunsilliera li esprimew li huma interessati li jattendu.

3.11 Il-Kunsilliera Massa semmiet li kienet avviċinati minn xi residenti li għandhom uliedhom imorru l-iskola fejn infurmawha li dawn mhux qed ikun hemm il-bollards biex jżommu t-traffiku waqt id-dħul tat-tfal. Is-Sindku semma li huwa infurmat fuq is-sitwazzjoni u jidher li dak li ġara minħabba li kien hemm xi staff tal-iskola li ma jridux jagħmlu l-bollards għax kien hemm problema ma wieħed mis-sewwieqa. Is-Sindku qal li xorta din mhux raġuni valida u se jkellem lill-Pulizija biex tinstab soluzzjoni.

3.12 Il-Kunsilliera Massa tkellmet ukoll dwar is-sitwazzjoni ġewwa l-iskola peress li qed ikun hemm postijiet bħat toilets li mhux qed ikunu nodfa biżejjed.

3.13 Il-Kunsilliera Massa saqsiet il-għala ir-roundabout ta quddiem id-Dinitrol ma kinitx imżejjna. Is-Sindku qal li din ma taqax taħt ir-responsabilta tal-Kunsill u din jieħdu ħsiebha l-ELC.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk jistgħux isiru xi bollards li jikkontrollaw is-sewwieqa fi Triq il-Karmnu peress li xi vetturi li jkunu għaddejin minn hemm jkunu ta periklu għax jiġu wiċċi imb wiċċ. Huwa semma wkoll li din il-parti hija ta periklu anki għan nies li jkunu għaddejin minn hemm.

3.15 Il-Kunsilliera Sammut qalet li avviċinawha xi nies li qalulha biex titlob li jintbagħat kennies fi Triq Anton Falzon u Triq l-Egrett l-Isfar.

## 4.0 ĦATRA TAL-AMBAXXATUR/TRIĊI TAL-KUNSILL LOKALI

4.1 Is-Sindku semma li fil-laqgħa li kienet imsejjħa b' urġenza biex jinħatar ambaxxatur għall Kunsill Lokali kien maħtur Raul Briffa peress li ma kienx hemm nominazzjonijiet oħra. Minn naħa tad-Dipartiment kien instab li s-Sur. Briffa kien taħt l-eta biex ikollu din il-kariga. Is-Sindku qal li huwa ma kienx jaf minħabba li s-Sur. Briffa qatt ma

ppreżenta l-ID card tiegħu u peress li dan qabel iċ-ċerimonja tal-ħatra qatt ma kienet intalbet mill-Awtoritajiet.

4.2 Is-Sindku semma li huwa kien avviċinat minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ipproponew lis-Sinjorina Trischia Falzon. Huwa qal li dan kollu kien qed jiġri ġurnata qabel biss l-attivita tal-komemorazzjoni tal-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, fejn ma kienx hemm ċans biex din tgħaddi għall approvazzjoni tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku semma li huwa informa lid-Dipartiment li billi ma kienx hemm żmien se jkun qed jimxi skont id-direzzjoni li ngħata mid-Dipartiment u jressaq dan l-item għall approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

4.4 Il-Kunsillier Falzon semma li huwa kien mistoqsi mill-ġurnalisti għall minn kien ivvota peress li minn sorsi li kellhom il-ġurnalisti huma infurmaw lill-Kunsillier Falzon li mhux Raoul Briffa kien inħatar imma persuna oħra (Trischia Falzon) li huwa ma kienx ivvota għaliha. Il-Kunsillier Falzon kien ivvota kontra ta' Trischia Falzon għax kienu saru żvillupi fuq dan l-item li huwa ma kienx jaf bihom.

4.5 Is-Sindku semma wkoll li hua kien irċieva email mingħand ġurnalista fejn kien mistoqsi dwar l-andament tal-għażla ta Trischia Falzon. Hawnhekk huwa qara ir-risposta li huwa ta lill-ġurnalista fejn semma wkoll id-direzzjoni li kien ingħata minn naħa tad-Dipartiment.

4.6 Is-Sindku ippropona lill-Trischia Falzon biex tkun ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali. Huwa kien issekondat mill-Viċi Sindku. Ivvutaw favur il-Kunsilliera Massa, Camilleri u Sammut, filwaqt li l-Kunsillier Caruana astjena u l-Kunsillier Falzon ivvota kontra.

## 5.0 ĦARĠA KULTURALI

5.1 Il-Kunsilliera Massa semmiet li l-ħarġa li kellha ssir fir-Rabat din ma kinitx saret peress li l-prezz li kien se jitla ta' kollox kien se jkun wieħed għoli għal anzjani. Għalhekk issa se tkun qed issir ħarġa għall Għawdex biex inżuru l-presepju t' Għajnsielem fejn bl ikel u kollox se tammonta għal 16 il-Euro. Il-postijiet li se nżuru huma r-Rabat, Ta Pinu u x-Xlendi għal ikel.

## 6.0 TENDER EMBELLISHMENT PROJECT U RESURFACING TAL-ISQAQIEN

6.1 Is-Sindku informa li għadna kemm applikajna għal żewġ proġetti tal-GAL Xlokk li wieħed minhom jikkonċerna resurfacing ta sqaqien Sqaq ix-Xatba u Sqaq fi Triq Ħal Farruġ u proġett ieħor li se jkun jikkonsisti f' embellishment fi Triq Ħal Saflieni fejn hemm is-soft area fejn se jsiru bankijiet u tisbiħ ieħor. Il-Kunsilliera Sammut saqsiet jekk jistgħux jintużaw xi fondi għal sqaq li hemm fi Triq San Tumas faċċata tal-ex-Mambra.

6.2 Is-Sindku semma li għal dawn il-proġetti hemm bżonn li jinħarġu t-tenders. Il-Kunsill Lokali approva li jitkompla l-proċess fuq dawn il-proġetti.

## 7.0 RIĊEVIMENT/IKLA TAL-MILIED

7.1 Is-Sindku semma li issa li wasal żmien il-Milied trid issir xi ħaġa bħa reċiviment jew ikla fejn anki nirringrazzjaw dawk kollha li taw sehem lill-Kunsill matul is-sena.

7.2 Il-Kunsilliera ssuġġerew biex isir reċiviment tal-Kunsill. Dan jista jsir fit-23 ta' Diċembru.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-pagament li hemm lil-Piscopo. Is-Seegretarju semma li dan kien biex inxtara l-ilma.

8.2 Is-Sindku semma fuq il-pagament li kien hemm lill-Perit Cordina peress li dan kien jikkonsisti għal diversi xogħolijiet li saru. Huwa qal li kien pront f' xogħolu u ta servizz tajjeb.

8.3 Il-Kunsillier Camilleri saqsa CIR xi tfisser. Is-Segretarju qal li dan huwa rigward it-taxxa li titħallas fuq il-pagi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Is-Sindku awgura lill-Kunsilliera kollha l-festi t-tajba. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2013 fis-7.00 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2014.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv